# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar,2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1061/09/3 SM**

**Paul u Alexandra Piscopo**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana u b'digriet datat l-4 ta' April, 2013, ġie sostitwit bil-kliem Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-Rikors imressaq mill-intimat Direttur-Ġenerali (Dwana) (minn issa 'l hemm imsejjaħ "ir-rikorrent") fis-16 ta' Ġunju, 2021, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija minnha fis-17 ta' Marzu, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza attakkata") u terġa' tisma' l-appell imressaq

mill-atturi miżżewġin Piscopo (minn issa 'l hemm imsejħin "ir-ritrattati") minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Diċembru, 2015, għall-finijiet tal-Artikoli 811(e) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. L-intimati ritrattati bi Tweġiba mressqa minnhom fl-10 ta' Awwissu, 2021, u għar-raġunijiet hemm imfissra, saħqu li s-sentenza attakkata hija tajba u jistħoqqilha tkun konfermata u li din il-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrent għat-tħassir tagħha u s-smigħ mill-ġdid tal-appell imressaq minnhom;

3. Rat in-Noti tal-1 ta' Novembru, 2021[1], li bihom is-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef Mark Chetcuti u l-Onorevoli Mħallfin Giannino Caruana Demajo u Anthony Ellul astjenew milli jibqgħu fil-kawża minħabba li kienu l-imħallfin komponenti din il-Qorti li taw is-sentenza attakkata u r-raġunijiet tar-ritrattazzjoni mressqa mir-rikorrenti jiġġustifikaw tali astensjoni;

4. Rat is-surroga tat-2 ta' Novembru, 2021[2], li biha twaqqfet din il-Qorti kif issa komposta;

[1] Paġġ. 372 – 4 tal-proċess
[2] Paġ. 375 tal-proċes

5. Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2021;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-23 ta' Novembru, 2021, f'liema data ħalliet ir-Rikors għas-sentenza *in rescindente*;

***Ikkunsidrat:***

7. Illi dan huwa rikors għar-ritrattazzjoni tas-sentenza attakkata mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta li permezz tagħha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-appell tal-atturi ritrattati mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Diċembru, 2015, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess rikorrent, filwaqt li ordnat ir-rilaxx tal-opra tal-baħar bl-isem *MFV Alexandra I*;

8. Illi r-rikorrent iħoss li hemm lok tar-ritrattazzjoni tal-imsemmi appell fuq is-saħħa ta' dak maħsub fil-paragrafi (e) u (l) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi biex is-sentenza tallum tinftiehem aħjar, il-Qorti jidhrilha xieraq li ġġib il-parti rilevanti tas-sentenza attakkata li, fil-partijiet rilevanti tagħha għal din il-proċedura, tgħid hekk:

> "<u>IL-FATTI U PROVI.</u>
>
> *9. Permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Awissu 2009, l-appellanti xtraw il-bastiment Alexandra I mill-Eġittu.*[3] *L-istess wasal Malta fil-21 ta' Settembru 2009 kapitanat minn Darwish Darwish Mostafa Hedar.*
>
> *10. Meta l-imsemmi bastiment telaq mill-Eġittu kellu 25,000 (ħamsa u għoxrin elf) litru diesel skont ma jirriżulta mill-kuntratt eżebit bħala 'Dok PP1'.*[4] *Skont ix-xhieda tal-kaptan, meta l-lanċja Alexandra I waslet Malta kien għad fadlilha bejn 17,000 u 18,000 (sbatax-il elf u tmintax-il elf) litru diesel.*[5]
>
> *11. Skont l-appellanti, meta sar survey ta' Alexandra I għal finijiet ta' assigurazzjoni f'Malta, huwa ġie infurmat li ried isir xi xogħol ta' welding fl-engine room u għal dan il-għan riedu neċessarjament jitbattlu t-tankijiet.*[6] *Dan sar mill-mechanic tal-appellant, Charlet Abela, li xehed*[7] *illi l-fuel tniżżel minn fuq Alexandra I sabiex jittieħed f'lanċja oħra f'Marsaxlokk bl-isem Madonna ta' Pompei, ukoll proprjetà tal-appellant, iżda fit-triq waqqfuh uffiċjali tad-dwana.*
>
> *12. Dwar dan xehed fid-dettall Joseph Cassar, rappreżentant tal-appellat.*[8] *Kienu l-ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu fil-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Ottubru 2009 meta hu flimkien ma' officer Michael Grima u senior customs assistant Frankie Schembri, waqqfu box van bin-numru ta' reġistrazzjoni CBG 731 fit-telgħa bejn Marsaxlokk u ż-Żejtun u fih sabu sitt (6) tankijiet tal-elf litru l-wieħed. Is-sewwieq tal-imsemmi vann, Charlet Abela, ikkuntattja lil missieru li mar fuq il-post u nforma lill-uffiċjali tad-Dwana li fit-tankijiet effettivament kien hemm sludge. Peress li skont id-Dwana l-kontenut tat-tankijiet li tniżżel minn fuq il-lanċja kien fuel u kien qed jinġarr mingħajr il-permess relattiv, il-vann ġie siġillat u miżmum mid-Dwana għal aktar investigazzjoni.*[9]
>
> *13. Emanuel Sammut, chief inspector – head investigations fi ħdan id-Dwana, spjega illi dakinhar li waslet l-iskuna mill-Eġittu l-kaptan ma kienx iddikjara li kellu diesel fuq l-istores declaration. Fl-istess*

---

[3] Fol. Fol. 37 – 39.
[4] Fol. 38.
[5] Fol. 54.
[6] Fol. 13 – 14.
[7] Fol. 49 *et seq*.
[8] Fol. 65.
[9] Dan il-vann huwa l-mertu tal-kawża konnessa ***Charlet Abela v. Kontrollur tad-Dwana*** (Rik. Nru 1063/09 SM).

*dikjarazzjoni tniżżel 'nil'.*[10] *Jgħid li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBG 731, li kienet miżmuma mid-Dwana, tniżżlet Ħal Far u hemm ittieħdu 3 kampjuni minn wieħed mit-tankijiet tal-plastic li kien hemm fit-truck li ntbagħtu għand Saybolt għall-analiżi tas-sulphur content. Min-naħa l-oħra, l-iskuna Alexandra I ittieħdet il-port il-kbir u mit-tankijiet ġew elevati 3 kampjuni oħra. Wieħed minn dawn il-kampjuni ngħata lill-appellat bħala sid il-lanċja u ieħor intbagħat lil Saybolt Ltd għall-analiżi tas-sulphur. Sussegwentement, ġew siġillati t-tankijiet tal-iskuna. Dawn ma kellhomx gauge biex jitkejjel il-konsum iżda Matthew Piscopo, iben l-appellant, iddikjara li kien fihom 14,000 (erbatax-il elf) litru diesel fihom.*[11] *L-Alexandra I ġiet miżmuma mid-Dwana għal aktar investigazzjonijiet. Jgħid li mill-analiżi tal-kampjuni li saret minn Saybolt irriżulta li l-fuel in kwistjoni kien ġie effettivament importat mill-Eġittu jew xi territorju ieħor barra minn Malta, għaliex kellu sulphur content ogħla minn dak li kien disponibbli għal bejgħ lokalment fiż-żmien in kwistjoni,*[12] *u dan bi ksur tal-Ordinanza tad-Dwana. B'referenza għall-Artikolu 8 tal-Avviż Legali 44 tal-2008 jgħid li l-użu ta' gas oil inkluż dak tal-marine gas oil b'kubrit li jeċċedi 0.1% massa huwa projbit.*[13]

*14. Madanakollu, David Gauci in rappreżentanza ta' Saybolt Ltd, xehed li r-riżultati fuq il-kampjuni varjaw ħafna u ma kienx f'pożizzjoni jgħid jekk humiex within specification jew le għaliex dan kien jiddependi minn fejn ittieħdu, informazzjoni li hu ma kellux.*[14]

*15. Xehed ukoll Alexander Azzopardi, goods officer fi ħdan Transport Malta li kkonferma li t-truck reġistrat bin-numru CBG 731 ma kellu l-ebda liċenzja jew ċertifikat jew awtorizzazzjoni sabiex iġorr fuel jew merkanzija perikoluża fit-toroq.*[15] *Robert Vassallo fi ħdan id-Direttorat tal-Port Yachting tal-istess Awtorità kkonferma wkoll li l-imsemmija vettura ma kellhiex liċenzja għal bunkering operations.*[16] *Inoltre, f'April 2009 kienet inħarġet port notice li tipprojbixxi ċaqliq ta' fuel minn fuq bastiment għal fuq l-art.*[17]

*16. Charlet Abela effettivament ikkonferma li*[18] *ma kellux tali ċertifikazzjonii għax ma kienx jaf li kellu bżonnha. Spjega wkoll li: (i) it-truck kien magħluq sabiex l-għodda li jużaw tissakkar; (ii) dik kienet l-ewwel darba li ġarr il-gasoil bl-imsemmi truck; u (iii) il-ġarr kien qed isir daqshekk kmieni filgħodu għaliex il-lanċja l-oħra ta' Paul Piscopo li kienet qed tistenna l-fuel, ossija il-Madonna ta' Pompei, riedet toħroġ għax-xogħol kmieni u l-kaptan kien qed jistennih.*

[10] Fol. 142 – 144 (*ship stores declaration*).
[11] Fol. 129.
[12] Ara wkoll l-affidavit tal-Inġinier Philip Borg a fol. 134.
[13] Ara wkoll l-affidavit ta' Stephen J. Mifsud a fol. 135.
[14] Fol. 117.
[15] Fol. 155 et seq.
[16] Fol. 161 – 162.
[17] Fol. 167.
[18] Fol. 160.

*17. Charlet Abela wkoll għamel proċeduri ċivili kontra l-intimat permezz ta' liema talab ir-rilaxx tal-vettura tiegħu (rikors fl-ismijiet* **Charlet Abela v. Kontrollur tad-Dwana** *(Rik. Nru 1063/09 SM)). Dawk il-proċeduri ġew deċiżi fl-istess ġurnata mal-kawża in eżami, u l-Qorti ċaħdet it-talba ta' Charlet Abela għar-rilaxx tat-trukk Bedford numru CBG – 731. Minn dik is-sentenza ma sarx appell.*

*18. Jirriżulta wkoll li permezz ta' sentenza mogħtija fit-3 ta' Lulju 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali permezz ta' liema l-appellant Paul Piscopo ġie liberat mill-akkużi li kienu saru kontrih. Dik il-Qorti kkonkludiet:*

> *"....... il-Qorti hija tal-fehma illi l-ebda wahda mill-akkuzi ma jistghu jirrizultaw ippruvati la legalment u lanqas fattwalment. Illi jibda biex jinghad illi ma hemm l-ebda prova in atti li l-appellat kellu l-intenzjoni jittrasferixxi l-fuel li kellu fuq il-bastiment Alexandria I lil terzi. L- appellat fil-fatt jikkontendi illi dan il-fuel kien ghal uzu personali tieghu u cioe' sabiex jopera l-bastimenti tieghu tas-sajd. Fil-fatt l-appellat irnexxielu jipprova fuq bazi ta' probabbilita' illi dan il-fuel kien jifforma parti mill-bastiment Alexandria I akkwistat minnu mill-Egittu u trasportat lejn Malta. Dan il-fuel kien ser jitbattal minn dan il-bastiment ghal fuq il-bastiment iehor proprjeta tal-appellat bl-isem "Madonna ta' Pompei" u dan billi kien jenhtieg li jsiru xi riparazzjonijiet fuq il-bastiment Alexandria I.*
>
> *Illi l-artikolu 9 tal-Kapitou 406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghall-esenzjoni mit-taxxa ghal dawk il-provvisti li ghalihom tapplika l-Ewwel Taqsima tal-Hames Skeda fejn fl-artikolu 6 hemm l-esenzjoni fir-rigward ta' bastimenti li jbahhru fosthom bastimenti uzati ghas-sajd u t-taghmir uzat fihom. Illi din l-esenzjoni hija applikabbli ukoll taht il-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' fuel uzat ghal ragunijiet ta' sajd.*
>
> *Illi maghdud dan jirrizulta fuq kollox illi l-oggett dazjabbli fil-fatt fil-maggior parti tieghu kien jikkonsisti f'ilma u mhux diesel kif allegat mill-Prosekuzzjoni biex b'hekk anke f'dan ir-rigward l-akkuzi lanqas ma jistghu jissussistu stante illi fil-maggior parti tieghu l-ilma u is-sludge li instab certament ma hux dazjabbli".*

*"<u>L-EWWEL AGGRAVJU.</u>*

*19. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti jilmentaw illi quddiem l-ewwel Qorti talbu diversi drabi sabiex 'jiġi eżaminat l-ammont ta' diesel fuq din il-lanċa permezz ta' espert tekniku u li jiġi eżebit rapport tekniku ex parte u jixhed l-istess espert'. Jgħidu li inkarigaw espert ex parte, ċertu Clifton Camilleri ta' Saybolt Malta Ltd, sabiex isiru t-testijiet fuq id-diesel li kien hemm issiġillat id-Dwana u rriżulta li ammont sostanzjali minnu kien sludge. Dawk ir-riżultanzi ppreżentawhom mar-rikors tal-appell (Dok PP1). L-appellanti jsostnu li din il-prova ġġib fix-xejn it-teżi tal-appellat li kienu qegħdin jagħmlu kutrabandu diesel. Isostnu li dik il-prova ma kinitx aċċessibbli qabel għaliex l-appellat kien qiegħed*

*joġġezzjona li jitilgħu fuq il-lanċja, u kien ikun fl-aħjar interess tal-ġustizzja kieku l-ewwel Qorti kkonsidrat l-istess.*

*20. L-appellat oġġezzjona għal din il-prova ġdida peress illi skontu saret b'mod irregolari. F'kull każ, fisser ir-raġunijiet tiegħu għalfejn l-ilment tal-appellanti huwa fil-mertu nfondat.*

*21. Id-dokument li ġie eżebit mill-appellanti flimkien mar-rikors tal-appell jikkonsisti f'email datata 27 ta' Ġunju 2013 allegatament mibgħuta minn ċertu Clifton Friggieri lil 'SP Piscopo' li tirreferi għal 'certificates of quality for the 4 samples (As received).' L-imsemmija ċertifikati huma wkoll mehmuża u datati 27 ta' Ġunju 2013.*

*22. L-<u>Artikolu 145 tal-Kap. 12</u> jipprovdi illi:*

> *Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor.'*

*23. F'deċiżjoni riċenti ta' din il-Qorti qalet:*

> *'13. Fil-fatt l-interpretazzjoni riċenti li qiegħda tingħata lil dan l-artikolu hija waħda ristretta: u cioe` li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell jingħataw piż biss jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza.'*[19]

*24. Mill-aspett proċedurali jirriżultaw is-segwenti fatti:*

*24.1 l-appellanti għalqu l-provi fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2010;*[20]

*24.2 Fis-seduta ta' wara, 16 ta' Ġunju 2010, xehdu Joseph Cassar prodott mill-intimat u tqabbad avukat sabiex jisma' l-provi l-oħra kollha tal-konvenut.*[21] *Eventwalment inħatret avukat bħala perit legali;*[22]

*24.3 Il-provi tal-intimat kienu jinkludu lil David Gauci, lab manager tad-ditta Saybolt Ltd li ppreżenta riżultati datati 15 ta' Ottubru 2009 ta' testijiet ta' xi kampjuni relatati mal-każ odjern, liema kampjuni kienu miġbura mill-appellat. Madankollu x-xhud ma kienx jaf minn fejn ittieħdu;*[23]

*24.4 Fix-xhieda tiegħu Emanuel Sammut, fizzjal tad-Dwana, spjega li <u>mit-tankijiet tal-plastic li kien hemm fit-trakk ġew elevati tliet kampjuni</u>: wieħed mill-imsemmija kampjuni bis-siġill tad-dwana numru 2182 ingħata lill-Charlet Abela filwaqt li kampjun ieħor bis-siġill tad-Dwana numru 2119 intbagħat għand Saybolt Ltd għall analiżi tas-sulphur content. Xehed ukoll li ġew elevati <u>3 kampjuni oħra mit-tankijiet tal-iskuna</u>: dak bis-siġill tad-Dwana numru 2124 ingħata lill-*

---

[19] ***Falzon Maria Dolores v. Debarro Monica et***, deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju 2019
[20] Fol. 48.
[21] Fol. 62.
[22] Fol. 82.
[23] Fol. 117 *et seq*.

*appellant filwaqt li dak bis-siġill tad-Dwana numru 2134 intbagħat lill-Saybolt Ltd għall-analiżi tas-sulphur content. Għalkemm sar kontro-eżami lil dan ix-xhud, dwar il-kampjuni ma ġie mistoqsi xejn u fl-istess seduta ġie dikjarat li salv Diesel Duty Free Declaration Form u Survey Report ir-rikorrenti m'għandhomx aktar provi xi jressqu;*[24]

*24.5 Fis-17 ta' Mejju 2012 il-Perit Legali ppreżentat ir-rapport fejn ikkonkludiet li t-talba tar-rikorrenti għandha tkun miċħuda bl-ispejjeż;*[25]

*24.6 Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 id-difensur tal-appellanti nforma lill-Qorti li jirriżultaw żviluppi fattwali ġodda ta' rilevanza għal din il-vertenza*[26] *u fis-16 ta' Jannar 2013 ġie ppreżentat rikors*[27] *permezz ta' liema r-rikorrent Paul Piscopo spjega li fil-mori kien sar skambju ta' korrispondenza mal-intimat sabiex isir qbil fuq is-somma li għandha sservi ta' garanzija għar-rilaxx tal-lanċja mertu ta' dawn il-proċeduri. Ippremetta wkoll li għal dan il-għan l-appellat qabbad surveyor u waqt is-survey tbattlu t-tankijiet tad-diesel tal-lanċja. Qal li huwa ngħata l-irċevuta relattiva datata 25 ta' Ġunju 2012.*[28] *Allega li l-appellat għamel testijiet ulterjuri fuq l-istess likwidu estratt mil-lanċja u rriżulta li fil-maġġior parti kien 'sluge', ċioé ħmieġ u ilma. Talab għalhekk li jixhed rappreżentant tad-Dwana fir-rigward u jeżebixxi kopja awtentikata tal-istess riżultati;*

*24.7 Minkejja l-oġġezzjoni tal-appellat,*[29] *il-Qorti laqgħet it-talba*[30] *u fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 xehed Carmel Attard. Konsegwentement, l-avukat tar-rikorrent talab żmien;*

*24.8 Fit-2 ta' Mejju 2013 ir-rikorrent ippreżenta rikors ieħor,*[31] *fejn jgħid li Carmel Attard xehed li għalkemm id-diesel tbattal mil-lanċja ma sarux testijiet fuqu. Ikkontenda iżda li huwa jaf li parti sostanzjali mill-allegat diesel huwa effettivament 'sludge' u għalhekk talab il-Qorti tinnomina espert tekniku sabiex jagħmel testijiet fir-rigward;*

*24.9 B'digriet mogħti fl-4 ta' Ġunju 2013 din it-talba ġiet miċħuda;*[32]

*24.10 Permezz ta' rikors ieħor tal-11 ta' Settembru 2013*[33] *l-appellant iddikjara illi huwa inkariga lil Clifton Friggieri ta' Saybolt Ltd bħala perit ex parte sabiex jagħmel testijiet fuq samples 'mid-diesel li ġie elevati u li ġie ssiġillat mid-Dwana' u tliet samples minn sitta rriżultaw li kienu* <u>*ilma*</u> *filwaqt li t-tliet samples l-oħra kienu mħalltin b'ħafna ilma u ftit diesel. L-imsemmija dokumenti, datati 27 ta' Ġunju 2013, ġew eżebiti*

[24] Fol. 171.
[25] Fol. 179.
[26] Fol. 192.
[27] Fol. 194 – 195.
[28] Fol. 196.
[29] Fol. 198 – 200.
[30] Fol. 201.
[31] Fol. 203
[32] Fol. 209
[33] Fol. 211 - 220

*kontestwalment bħala 'Dok CF1' u r-rikorrent talab li filwaqt li l-istess jiġu ammessi in atti, Clifton Friggieri jitħalla jixhed fir-rigward;*

*24.11 Dik it-talba ġiet miċħuda[34] għar-raġunijiet li ngħataw mill-appellat;[35]*

*24.12 L-appellant tenna l-istess talba permezz ta' rikors ieħor preżentat fit-2 ta' Diċembru 2013.[36] Jidher li fil-frattemp il-proċess intilef u kellu jiġi rikostruwit b'dan illi dak ir-rikors qatt ma ġie deċiż. Madanakollu, l-appellanti baqgħu passivi fir-rigward ta' dan in-nuqqas u pproċedew billi ppreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom u fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2015 saret trattazzjoni quddiem il-Qorti u l-kawża tħalliet għas-sentenza.*

*25. Stabbiliti dawn il-fatti, ma jirriżultax li l-appellanti qatt ikkontestaw ir-riżultanzi tat-testijiet eżebiti mill-appellat. Fl-istadju tal-provi, lanqas ma talbu li jinħatar perit tekniku sabiex jeleva xi kampjuni oħra mil-lanċja mertu ta' dawn il-proċeduri jew mit-tankijiet elevati mit-trakk ta' Charlet Abela għal finijiet ta' testijiet ulterjuri. Talbiet sabiex isiru testijiet ulterjuri fuq id-diesel rimanenti fit-tankiet tal-lanċja saru biss <u>wara</u> li l-istadju tal-provi kienu ngħalqu u l-perit legali kienet saħansitra ippreżentat ir-rapport.*

*26. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex l-appellanti kellhom jistennew sal-2013, ċioe` wara li tbattlu t-tankijiet tad-diesel tal-lanċja Alexandra I biex jitolbu li jressqu iktar provi. Kull allegazzjoni li dan kien dovut għall-fatt li l-lanċja kienet miżmuma għand l-appellat u l-appellanti ma setgħux jitilgħu fuqha, hi dgħajfa. Kieku riedu, waqt il-fażi tal-ġbir tal-provi, l-appellanti setgħu għamlu talba lill-ewwel Qorti sabiex jinġabru kampjuni ulterjuri mill-lanċja jew mit-tankijiet ta' fuq it-trakk għal finijiet ta' testijiet ulterjuri. La għażlu li jibqgħu passivi u m'għamlu l-ebda talba f'waqtha għal dan il-għan, l-appellanti ma jistgħux issa jilmentaw mill-fatt illi l-Qorti tal-ewwel grad ċaħdet talbiet simili fil-fażi finali tal-proċeduri meta kienu diġa` ngħalqu l-provi u kienet ukoll ġiet eżebita r-relazzjoni tal-perit legali.*

*27. Għalhekk dan l-aggravju hu miċħud.*

*28. Fir-rigward tat-talba tal-appellat għall-isfilz ta' 'Dok PP1', ladarba dan l-aggravju ġie miċħud, id-dokumenti in kwistjoni ma jista' jkollhom <u>l-ebda valur probatorju</u> in kwantu għal fini ta' awtentiċita` ħadd ma xehed dwarhom u ma saret ebda prova. Lanqas m'huma dokumenti li ssemmi l-liġi li jagħmlu prova tal-kontenut tagħhom (Artikoli 627 sa 636 tal-Kap. 12).[37]*

---

[34] Fol. 225
[35] Fol. 222 *et seq*.
[36] Fol. 226.
[37] ***F.E. Sullivan & Co Ltd v. Falzon Vincent Dr. Noe***, Qorti tal-Appell (Ċivili Superjuri), 4 ta' Novembru, 2005.

*<u>IT-TIENI AGGRAVJU</u>*

*29. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti jilmentaw illi l-ewwel Qorti naqset milli tanalizza l-punti legali u fattwali ta' dawn il-proċeduri. Jikkontendu li l-Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana jirrikjedi <u>xjenza</u> tal-użu lleċitu ta' mezzi ta' ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx tħallas jew li jkunu soġġetti għall-konfiska taħt l-Ordinanza. Jisħaq li mill-provi prodotti kellu jirriżulta ampjament ċar li huwa kien totalment estranju għall-intenzjoni li jiġi miksur xi provvediment taħt l-Ordinanza.*

*30. Min-naħa l-oħra l-appellat wieġeb illi:*

> *"ix-xjenza hi abbinata mal-fatt li sar użu konsapevoli mill-mezz tal-ġarr f' dan il-każ l-Alexandra I li ntużat biex ġie introdott gasoil sdazjat f'pajjiżna, mingħajr id-debita dikjarazzjoni u awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet konċernati u dan fuq ammissjoni tal-appellant stess; liema gasoil sdazjat kienet tintilef kull traċċja tiegħu, li kieku ma ġiex skopert iċ-ċaqliq klandestin tiegħu mill-uffiċjali tad-Dwana"*

*31. Il-motivazzjonijiet mogħtija mill-ewwel Qorti in sostenn tas-sentenza appellata huma s-segwenti:*

> *"Ikkunsidrat:*
>
> *6.0. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li:*
>
> *6.1. Ma thallasx id-dazju dovut fuq id-diesel de quo;*
>
> *6.2. L-istess diesel kien qed jigi kutrabandat bil-lejl biex jitqieghed fuq dghajsa ohra proprjeta` ta' l-istess rikorrenti;*
>
> *Ikkunsidrat:*
>
> *7.0. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti ma pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:*
>
> *DECIDE:*
>
> *7.1. Filwaqt li takkolji r-risposti ta' l-intimat;*
>
> *7.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;*
>
> *7.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti."*

*32. L-Artikolu 68 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:*

> *"68.(1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, <u>fl-iżbark</u>, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew <u>fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas</u> jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska <u>għandhom jiġu kkonfiskati</u>:"*

*33. Fost il-ġurisprudenza ċitata mill-appellanti saret referenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru 2012 fil-każ numru 1083/2007 fl-ismijiet* ***Mario Zammit et noe v. Il-Kontrollur tad-Dwana et****. Fir-rigward, jiġi ssenjalat li dik is-sentenza ġiet revokata fi stadju ta' appell fejn permezz ta' sentenza mogħtija fit-18 ta' Lulju 2017 ingħad illi:*

> *"... kontrarjament ghall-kamp kriminali, f'kawza bhal din, huwa l-attur li ghandu jgib il-prova li ma kienx konsapevoli mill-presenza ta' merkanzija sdoganata. Kwindi l-ewwel Qorti ma kenitx ezatta meta qalet li l-intimat "kellu jipprova li r-rikorrent kien xjentement involut fir-rigward".*

*34. Huwa ċar minn dan li <u>jinkombi fuq l-appellanti li jipprova, sal-grad rikjest mil-liġi illi huwa aġixxa in buona fede</u>.*

*35. Il-Qorti tosserva li n-nota ta' qbid li biha nqabdet il-lanċja m'hijiex fl-atti. Filwaqt li m'huwiex kontestat li effettivament il-lanċja Alexandra I tinsab maqbuda mid-Dwana, fin-nota ta' qbid tkun tissemma r-raġuni għalfejn ikun inqabad l-oġġett. Minkejja li l-kawża ilha pendenti għaxar snin, ħadd mill-partijiet ma ħa ħsieb li fl-atti jkun hemm kopja vera tan-nota ta' qbid li ħareġ l-appellat.*

*36. Fit-tweġiba tal-appell l-appellat qal li l-lanċja Alexandra I inqabdet għaliex:*

> *"sar ċaqliq klandestin ta' gasoil li hu prodott soġġett għad-dazju tas-SISA, liema ċaqliq sar bi ksur tal-provvedimenti doganali ai termini tal-Artikoli 60(a)(c)(k), 61(h)(i)(k) u 68(1) tal-Kap 37 (l-Ordinanza dwar id-Dwana) u tal-Artikoli 16(i)(j), 17(1)(a)(b)(d) u 21(1) tal-Kap 382 (Att dwar id-Dazju tas-SISA)"*

*37. Madankollu fit-tweġiba għar-rikors promotur l-appellat għamel referenza biss għall-Artikolu 68 tal-Kap. 37, u li hi d-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla l-konfiska tal-mezz ta' ġarr.*

*38 Kif spjegat il-perit legali, ix-xjenza tar-rikorrenti appellanti rikjesta mill-Artikolu 68 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta li kien qed isir l-imsemmi ċaqliq jirriżulta mis-segwenti:*

*38.1 Għalkemm l-appellant xehed li kien taħt l-impressjoni li d-diesel fuq Alexandra I kien regolari in kontro-eżami ddikjara li 'meta waslet id-dgħajsa, ma ħallast ebda taxxa jew dazju fuq il-gas oil għaliex id-dgħajsa hija sea-going vessel u <u>allura ma tħallasx dazju għax ma tkunx ser tiġi mniżżla l-art'</u>.*[38] *Għalhekk evidenti li l-appellant kien jaf li meta jitniżżel fuel l-art f'Malta, ikun soġġett għall-ħlas ta' dazju;*

*38.2 Għalkemm l-appellant sostna li d-diesel inħatt sabiex isiru tiswijiet fuq il-lanċja Alexandra I, fatt li m'hemmx provi ċari dwarha, ma*

[38] Fol. 159.

*spjegax għalfejn dam 23 jum biex sar dak. Dan apparti li rriżulta li l-fuel inħatt sabiex jintuża fuq bastiment ieħor tal-appellant;*

*38.3 Għalkemm l-appellant jikkontendi li l-ġarr tad-diesel sar fil-ħinijiet bikrija ta' filgħodu sabiex jitwassal fuq lanċja oħra tal-appellant stess li riedet titlaq kmieni għax-xogħol, dak il-fatt ma jsaħħaħx it-teżi tal-appellat;*

*38.4 Jispikka l-mezz tal-ġarr tal-imsemmi diesel. Kuntrarjament għal dak li xehed Charlet Abela, ir-ritratti eżibiti juru li t-trakk tiegħu (box van magħluq) kien ben attrezzat għal dan il-għan b'tankijiet tal-plastic li kienu mqabbdin ma' xulxin bil-pajpijiet ma' pompa biex timla' u tbattal il-fuel.[39] Huwa evidenti li din ma kinitx xi struttura temporanja ta' darba sabiex issir manutenzjoni ta' malajr;*

*38.5 Il-lanċja in kwistjoni kellha ammont ta' diesel ferm aktar minn dak li kellha bżonn sabiex tasal mill-Eġittu għal Malta.[40]*

*39. Id-difensur tal-appellant fit-trattazzjoni għamel ħafna enfażi fuq il-fatt li minn analiżi xjentifika li saret fuq il-fuel irriżulta li kien imħallat bis-sludge u ilma. Effettivament dan il-fatt jissemma fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Paul Piscopo*** *(Appell numru: 374/2011). Jirriżulta li waqt is-smigħ tal-appell dik il-Qorti inkarigat espert tekniku li kkonkluda li mill-likwidu li eżamina f'erbatax-il container, 78.5% kien ilma u 21.5% kien diesel. Minn dak li fehmet din il-Qorti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, il-likwidu li eżamina l-espert tekniku (Dr. David Vella) kien jinsab fuq il-bastiment. Min-naħa l-oħra fl-istess sentenza jingħad li kien sar rapport ieħor mill-Professur Alfred Vella u skont dak ir-rapport:*

> *"5...... l-komposizzjoni tal-fuel li kien hemm fil-bastiment u fit-tankijiet tat-trukk kienu identiċi".*

*40. Dan ma jħalli l-ebda dubju lil din il-Qorti li minn fuq il-lanċja Alexandra I ġie żbarkat fuel. Issa x'persentaġġ minnu kien fuel hu relattiv għaliex jibqa' l-fatt li kien hemm fuel fit-tankijiet li kienu qegħdin jinġarru fil-vann. Hu fatt ukoll li ma kienx tħallas dazju fuq dak il-fuel żbarkat minn fuq Alexandra I.*

*41. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.*

*IT-TIELET AGGRAVJU*

*42. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jsostnu illi ma jirriżulta l-ebda reat sabiex tintuża l-proċedura li segwa l-appellat bil-ħruġ ta' seizure note. Jikkontendu li tant hu hekk illi fil-kawża kriminali, ir-rikorrent ġie liberat mill-akkużi.*

[39] Fol. 149 *et seq*.
[40] Fol. 54.

*43. B'riferenza għas-sentenza **Il-Pulizija v. Paul Piscopo** (374/2011) hemm distinzjoni bejn l-oneru tal-prova fil-kamp kriminali u dawk ċivili li jsiru skont l-Artikolu 73 tal-Ordinanza tad-Dwana. F'dan il-kuntest issir referenza għal sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Carmelo Carabott et v. Kontrollur tad-Dwana** mogħtija fit-28 ta' April 2017:*

> *"Lanqas ma huwa neċessarjament determinanti l-fatt illi l-attur instab mill-Qorti tal-Maġistrati mhux ħati tal-akkuża dwar il-flus. Fil-proċeduri penali taħt l-art. 62 tal-Ordinanza tad-Dwana l-oneru qiegħed fuq il-prosekuzzjoni li turi ħtija lil hemm minn kull dubju raġonevoli, waqt illi fi proċeduri ċivili – bħal dawk tallum – mibdija taħt l-art. 73 tal-istess ordinanza minn min jilmenta dwar il-qbid l-oneru qiegħed fuq l-attur, għalkemm biss sal-grad tal-probabilità, li juri li l-ħwejjeġ maqbuda għandhom jintraddulu."*

*44. Bħala stat ta' fatt il-gasoil in kwistjoni ma kienx ġie dikjarat fil-formola doganali appożita meta Alexandra I waslet Malta.*[41]

*45. Mill-provi rriżulta wkoll li tniżżel fuel minn fuq Alexandra I li: (i) ma ġiex dikjarat; (ii) ma tħallasx dazju fuqu; u (iii) dwaru ma ntalabx l-awtorizzazzjoni/ ċertifikazzjoni sabiex jinħatt il-fuel u jinġarr permezz tal-vettura CBG 731.*[42]

*46. Pero` dak m'huwiex biżżejjed. Illum hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li għaddiet in ġudikat u fil-parti tal-konsiderazzjonijiet jingħad:*

> *"Illi l-artikolu 9 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għall-ezenzjoni mit-taxxa għal dawk il-provvisti li għalihom tapplika l-Ewwel Taqsima tal-Ħames Skeda fejn fl-artikolu 6 hemm l-ezenzjoni fir-rigward ta' bastimenti li jbaħħru fosthom bastimenti użati għas-sajd u t-tagħmir użat fihom. Illi din l-ezenzjoni hija applikabbli ukoll taħt il-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' fuel użat għal raġunijiet ta' sajd".*

*47. Il-kostatazzjoni ta' fatt li għamlet dik il-Qorti tirriżulta wkoll f'dan il-każ u ċioe` li ma jirriżultax mill-provi li l-appellant kellu l-intenzjoni li jbigħ il-fuel lil terzi u jagħmel qligħ. Il-provi li hemm hu li l-fuel kien ser jintuża fuq bastiment ieħor tas-sajd tal-appellant. Kienet dik il-prova li evidentement il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset li hi l-verita`, li wara wassalha sabiex tikkonkludi li fuq il-fuel ma kienx dovut dazju.*

*48. Minn qari tas-sentenza hu evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet li l-fuel, li jkun użat għal raġunijiet ta' sajd, hu eżentat mill-ħlas ta' dazju. F'dan ir-rigward għamlet referenza għall-Ewwel u r-Raba' Skeda tal-Kap. 382. Ir-Raba' Skeda tipprovdi li d-dazju hu '0' fejn il-fuel, "If used for fishing purposes as laid down by Department of Fisheries". Fiż-żmien meta nqala' l-każ dak kien diġa` japplika.*

---

[41] Fol. 144.

[42] Xhieda ta' Alexander Azzopardi, uffiċjali fi ħdan Transport Malta, a fol. 155; u x-xhieda ta' Dr. Robert Vassallo, mid-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, a fol. 161

*49. Meta l-Qorti tqis li l-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet dik il-pożizzjoni, għall-finijiet ta' ċertezza legali m'għandux ikun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħti deċiżjoni li tista' ġġib fix-xejn jew tpoġġi fid-dubju d-deċiżjoni li ħadet dik il-Qorti u li kkonfermat is-sentenza li biha l-appellant ġie liberat minn kull akkuża. Veru li l-proċeduri kriminali huma indipendenti minn dawk ċivili. Madankollu jibqa' l-fatt li diġa` hemm sentenza li hi ġudikat, li tikkonferma li f'dan il-każ l-appellant kellu jedd għall-eżenzjoni tad-dazju. Għalhekk il-konklużjoni, bażat fuq dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali, tista' tkun biss li dazju ma kienx dovut u għaldaqstant l-oġġett (fuel) ma kienx soġġett għall-konfiska. B'hekk m'hemmx il-ħtiġijiet kontemplati fl-Art. 68 tal-Kap. 37, u li huma essenzjali sabiex il-lanċja tkun konfiskata.*

*50. Hi x'inhi l-fehma ta' din il-Qorti, illum hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ċaħdet l-appell tal-prosekuzzjoni u tikkonferma li f'dak li għamel l-appellant m'huwiex ħati ta' reati taħt l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) u l-liġijiet fiskali għaliex igawdi minn eżenzjoni peress li l-fuel kien ser jużah fuq lanċja oħra tiegħu. Il-konfiska tal-lanċja mid-Dwana hi fiha nnifisha miżura permanenti li tiddepriva lill-appellant mill-proprjeta` tal-lanċja ġialadarba bil-konfiska l-proprjeta` tal-lanċja tiġi trasferita lill-Gvern. Fiċ-ċirkostanzi, jekk din il-Qorti kellha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, il-konfiska tad-dgħajsa kienet bla dubju tkun miżura eċċessiva li twassal għall-ksur tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem meta tikkonsidra li l-appellant ġie liberat minn kull akkuża li wettaq reat taħt l-Ordinanza tad-Dwana u liġijiet fiskali (Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u Att dwar id-Dazju tas-Sisa). Il-Qorti hi tal-fehma li wasal ukoll iż-żmien li l-leġislatur jikkonsidra li jemenda l-liġi sabiex f'kazijiet ta' din ix-xorta l-kwistjoni dwar il-konfiska tal-oġġetti tiġi deciża b'mod defenittiv fil-proċeduri kriminali u ma jkunx hemm bżonn iktar proċeduri ċivili separati sabiex persuna terġa' tieħu l-pussess ta' ħwejjiġha. Dan iktar u iktar meta tikkonsidra l-prinċipju tan-ne bis in idem (Art. 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Art. 50 ta' Charter of Fundamental Rights of the European Union)*";

***Ikkunsidrat:***

10. Illi l-Qorti tibda biex tindirizza preġudizzjali proċedurali mqajjem mir-rikorrent fir-Rikors tiegħu għar-ritrattazzjoni, meta jindika li s-sentenza attakkata jidher li naqset li tħassar is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti, imma ħassret sentenza murija li ngħatat f'data oħra. Ma hemmx dubju li

meta r-ritrattati appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti, li kienet ingħatat biss sentenza waħda fil-konfront tagħhom, dik tal-1 ta' Diċembru, 2015. Ma kienet ingħatat l-ebda sentenza fid-29 ta' Settembru, 2016. Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li dak li jingħad fil-parti dispożittiva tas-sentenza attakkata dwar id-data tas-sentenza appellata kien żball tal-kitba u li kemm il-partijiet u kif ukoll din il-Qorti jagħrfu li l-każ kien inqata' b'sentenza mogħtija f'Diċembru tal-2015;

11. Illi, bis-setgħat mogħtijin mil-liġi f'każijiet bħal dan, din il-Qorti ngħatat is-setgħat li tirrimedja għal dak in-nuqqas. Kien nuqqas li jfixkel liż-żewġ partijiet: lir-ritrattati miżżewġin Piscopo għaliex intlaqagħlhom appell dwar sentenza li ma kinitx ingħatat fid-data msemmija; u lir-rikorrent għaliex b'dak il-mod kien qiegħed jinħoloq xkiel għall-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata. Din il-Qorti ħasbet għall-imsemmi preġudizzjali bis-saħħa tad-degriet interlokutorju mogħti minnha waqt is-smigħ tat-23 ta' Novembru, 2021[43] (fuq talba magħmula f'rikors imressaq mill-partijiet flimkien fit-22 ta' Novembru, 2021) , u għalhekk jista' jingħad li dak l-episodju huwa megħlub u din il-Qorti tista' tgħaddi biex tqis l-aggravji tar-rikorrent;

12. Illi r-rikorrent isejjes it-talba tiegħu għat-tħassir tas-sentenza attakkata fuq żewġ (2) kawżali – li dik is-sentenza ħaddmet il-liġi b'mod

[43] Paġ. 382 tal-proċess

ħażin u dik li l-istess sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawża;

13. Illi bħalma ngħad bosta drabi f'każijiet fejn jintalab it-tħassir ta' sentenza li ttemm kwestjoni u s-smigħ mill-ġdid tal-każ, ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija[44]. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindente* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

14. Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi[45]. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

---

[44] App. Ċiv. **12.3.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tas-Saħħa Pubblika et***

[45] App. Ċiv. **7.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Causon v. Portelli noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.464**)

15. Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li, taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, il-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġa` magħmulin mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi[46];

16. Illi **dwar il-kawżali li s-sentenza applikat il-liġi ħażin** (Art. 811(e) tal-Kap 12), ir-rikorrent jgħid li dan l-aggravju tiegħu jirrigwarda dik il-parti dispożittiva tas-sentenza attakkata li tiġbor fiha l-konklużjoni tal-kunsiderazzjonijiet li bihom din il-Qorti qieset it-tielet aggravju tar-ritrattati miżżewġin Piscopo[47]. Ir-rikorrent jilmenta li "meta din il-Qorti ġiet biex tikkunsidra jekk kienx hemm ksur tad-dispożizzjonijiet doganali, din l-Onorabbli Qorti skartat kompletament ir-raġuni għalxiex id-Direttur Ġenerali (Dwana) qabad il-bastiment u straħet unikament fuq dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Jannar, 2012". Iżid jgħid li bil-mod kif din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, qatgħet is-sentenza biex ma tkunx tikkuntrasta mas-sentenza mogħtija dwar ir-ritrattati mill-Qorti tal-Appell Kriminali, qiegħed jinħoloq konflitt ma' dak li tgħid sentenza oħra li llum għaddiet f'ġudikat – f'kawża li kienet miexja

[46] App. Inf. PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Caruana et. v. Anna Schembri et***
[47]§§ 46 sa 50 tas-sentenza attakkata

ma' din[48] – li fuq il-*gasoil* konfiskat kellu jitħallas id-dazju u għalhekk il-konfiska tal-vettura li fiha kien qed jinġarr kienet waħda skond il-liġi; filwaqt li, bis-sentenza attakkata, il-konfiska tal-istess *gasoil* u l-konfiska tal-opra tal-baħar li tniżżel minn fuqha tqiesu mhux tajba. Huwa jgħid li b'hekk, filwaqt li la f'din il-kawża u lanqas fil-oħra li kienet qiegħda tinstema' magħha qatt ma tqajmet il-kwestjoni jekk l-imsemmi *gasoil* importat kienx meħlus mill-ħlas ta' dazju għall-finijiet tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jew tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 382, inħolqot sitwazzjoni ta' – "*inħatt kastell sabiex inbena ieħor*" – għaliex filwaqt li din l-Onorabbli Qorti applikat il-prinċipju taċ-ċertezza legali fil-konfront tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, issa nħolqot inċertezza legali fil-konfront tas-sentenza ta' Charlet Abela";

17. Illi mbagħad, ir-rikorrenti jgħaddi biex isemmi liema kienu l-liġijiet li messhom kienu applikati fis-sentenza attakkata u biex jisħaq li l-liġi li tħaddmet – l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Raba' Skeda tal-Kapitolu 382 – tfissret u tħaddmet b'mod ħażin. Huwa jgħid li s-sentenza attakkata rabtet ma' kunsiderazzjonijiet magħmulin mill-Qorti tal-Appell Kriminali u warrbet għal kollox il-prinċipju legali li "dak li ma jinsabx fl-atti ma jeżistix". Ir-rikorrent jgħid li din il-Qorti messha applikat l-Artikoli 7, 9, 11, 60(1)(b)(ċ)(ħ) u (k) u 77 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta'

48 Riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Diċembru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet ***Charlet Abela v. Kontrollur tad-Dwana*** **(Rik. Nru. 1063/09SM)** li minnha ma tressaq l-ebda appell

Malta; ir-Regolament 8 tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta; ir-regolament 8 tal-Avviż Legali 44 tal-2008[49] u l-Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad, jagħmel sensiela ta' raġunamenti u sottomissjonijiet dwar kif is-sentenza attakkata messha qieset dawk id-dispożizzjonijiet u mhux dawk li straħet fuqhom il-Qorti tal-Appell Kriminali meta laqgħet l-appell tar-rikorrent ritrattat;

18. Illi fir-Risposta mressqa mir-ritrattati miżżewġin Piscopo, huma laqgħu għal dan l-aggravju billi qalu li r-rikorrent qiegħed jinqeda b'din il-proċedura bil-ħsieb li jattakka l-apprezzament magħmul fis-sentenza attakkata taħt l-iskuża li tħaddmet liġi b'oħra. Huma jtennu li b'din il-proċedura, ir-rikorrent qiegħed jerġa' jiftaħ il-każ bl-istess argumenti li diġa` ssemmew mill-partijiet u tqiesu mill-Qorti. Iwarrbu l-argument tar-rikorrent li din il-Qorti straħet wisq fuq x'qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ tar-ritrattat Paul Piscopo, u jgħidu li dik is-sentenza setgħet b'kull jedd isservi ta' prova importanti li din il-Qorti setgħet u għażlet li toqgħod fuqha fis-sentenza attakkata;

19. Illi l-Qorti jidhrilha li l-mod li bih ir-rikorrent sejjes il-kawżali tiegħu jixhed mill-ewwel li qiegħed jagħmel sforz kbir biex jinfetaħ mill-ġdid id-dibattiment li sar tul iż-żmien li kienet ilha miexja din il-kawża sa mill-

[49] L.S. 545.18 (kif emendati)

bidunett tagħha. Mill-atti rikostruwiti tal-kawża[50] jidher ċar li, filwaqt li r-rikorrenti ritrattati sejsu l-azzjoni tagħhom fuq l-Artikoli 72 u 73 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent bena d-difiża tiegħu fuq dak li jgħid l-Artikolu 68 tal-istess Ordinanza;

20. Illi, kif ingħad bosta drabi, din il-Qorti żżid tgħid li biex jitqies li f'sentenza saret applikazzjoni ħażina tal-liġi jeħtieġ jintwera li, meta l-fatti huma tassew kif stabbiliti f'dik is-sentenza, id-deċiżjoni ma tkunx skont il-liġi. Dan mhux biżżejjed, għaliex ma hemm lok għall-ebda ritrattazzjoni jekk kemm-il darba l-kwestjoni tkun fuq interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun tat deċiżjoni;

21. Illi minn dan joħroġ li s-smigħ mill-ġdid ta' kawża ma jingħatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-liġi li tkun tgħodd għal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi mħaddma liġi li ma kinitx tgħodd għall-każ[51]. Terġa' u tgħid, f'każ bħal dan lanqas tingħata r-ritrattazzjoni jekk il-kwestjoni kienet tirrigwarda tifsira ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament iddeċidiet[52];

---

[50] L-atti oriġinali baqgħu ma nstabux u din il-Qorti kellha tinqeda b'atti rikostruwuti (Dok "AC1", f'paġ. 1 sa 239 tal-proċess)

[51] App. Ċiv. **20.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***A vs B*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.196**) u l-ġurisprudenza fiha miġbura

[52] App. Ċiv. **12.3.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tas-Saħħa Pubblika et.***

22. Illi l-funzjoni ta' kull Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni[53], u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba, kif ukoll jekk ma tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato*"[54];

23. Illi wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-ksur tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv[55]. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti. Fi kliem l-awturi l-aktar imrawmin f'din il-materja, "*falsa applicazione* (di legge) *è la sconvenienza di rapporto che passa tra la legge e il fatto. Havvi falsa applicazione di legge quando una disposizione generale fu applicata a caso sottratto per legge al dominio di quella disposizione, o quando una disposizione eccezionale fu applicata a casi a cui non si estende. ... (L)a*

---

[53] App. Ċiv. **8.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef v. Pavia*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.326**)
[54] Mattirolo *Trattato di Diritto Giudiziario Civile* (1904), Vol. IV, §1043
[55] Merċieca *Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi* (2005), Kap 6, paġ. 126

*falsa applicazione è sempre positiva; è un vero scambio che sposta il diritto o lo colloca una base arbitraria*”[56];

24. Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina tagħha. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranita` tal-ġudikant u, bħala tali, mhijiex suġġetta għar-ritrattazzjoni[57]. Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata u mhux li applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ[58];

25. Illi biex jiġi mistħarreġ sewwa jekk hemmx lok li tingħata r-ritrattazzjoni taħt din il-kawżali, għandu jitqies li l-fatti riżultanti fis-sentenza attakkata huma tassew dawk li kienu hekk irriżultaw lil dik il-Qorti. M'għandhiex għalhekk il-Qorti li qiegħda tisma' talba għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża (jew biex tqis jekk għandhiex tħassar is-sentenza attakkata) terġa' tgħarbel il-fatti jew tagħtihom l-interpretazzjoni tagħha[59]. Jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda tibdel l-istitut tar-ritrattazzjoni f'wieħed ta' "tielet appell"[60] jew agħar, għaliex normalment lanqas il-Qorti fi stadju

---

[56] Borsari *Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato* (1872), f'§648
[57] App. Ċiv. **3.2.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Żarb v. Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.433**)
[58] App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et v. Hicklin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**)
[59] App. Ċiv. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et v. Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.299**) u App. Ċiv. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella v. Avukat Emanuel Ċefai*** , fost oħrajn
[60] App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina v. Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)

tal-appell ma tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad dwar l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti riżultanti;

26. Illi fil-każ li għandna quddiemna, kemm l-ewwel Qorti u kif ukoll din il-Qorti fis-sentenza attakkata fissru b'mod ċar is-sekwenza tal-fatti kollha u qiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti li dwarhom, ukoll jekk b'riżultat differenti minn xulxin, waslu għall-fehmiet tagħhom. Fil-kunsiderazzjonijiet magħmulin fis-sentenza attakkata dwar it-tieni aggravju tar-rikorrenti ritrattati, din il-Qorti reġgħet qieset id-dispożizzjonijiet tal-liġi li r-rikorrent ritrattand kien semma fit-Tweġiba tiegħu għar-rikors promotur. Żiedet tagħmel ukoll kunsiderazzjonijiet dwar l-element tal-intenzjoni mistenni u l-piż tal-prova li kien jaqa' fuq ir-ritrattati li juru li mxew b'bona fidi. Kien meta din il-Qorti għaddiet biex tqis it-tielet aggravju li qamet il-kwestjoni tas-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali u l-kostatazzjonijiet fattwali li wassluha teħles lir-ritrattat minn kull sejbien ta' ħtija. Kulma għamlet din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, kien li laqgħet dawk il-kostatazzjonijiet ta' fatt u sabet li, kienet x'kienet il-fehma tagħha, dawk il-fatti jwassluha biex issib li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 68 tal-Ordinanza, u għalhekk li t-tielet aggravju mqajjem mir-ritrattati kien jistħoqqlu jintlaqa';

27. Illi l-Qorti tqis li l-biċċa l-kbira mill-argumenti mressqa mir-rikorrent f'din it-talba tiegħu huma iżjed indirizzati lejn il-kunsiderazzjonijiet li kienu

għamlu l-qrati ta' kompetenza kriminali fil-każ kontra r-rikorrent ritrattat. Din tallum hija azzjoni ta' ritrattazzjoni minn sentenza mogħtija minn din il-Qorti, u l-proċedura ta' ritrattazzjoni ma tistax tintuża biex tattakka wkoll il-proċedimenti kriminali li ttieħdu kontra r-ritrattat Paul Piscopo. Minbarra dan, fit-tieni lok, is-sentenza attakkata straħet fuq fatt determinat ġudizzjarjament bi provvediment li għadda f'ġudikat. Ma hemm xejn irregolari li qorti ta' kompetenza ċivili tilqa' u toqgħod fuq prova maħluqa b'sentenza mogħtija minn qorti ta' kompetenza kriminali[61]. Fit-tielet lok, ukoll kieku kellu jingħad li l-Qorti tal-Appell Kriminali straħet fuq dispożizzjoni ta' liġi u fissritha ħażin, l-istitut tar-ritrattazzjoni ma jagħtix rimedju għat-tħassir ta' sentenza fuq tifsira ħażina ta' liġi. Fir-raba' lok, lanqas ma tingħata r-ritrattazzjoni u t-tħassir ta' sentenza fejn għall-fatti kif determinati, jirriżulta li l-Qorti tkun qieset fatti b'mod żbaljat, jekk għal dawk il-fatti ħaddmet il-liġi t-tajba. F'dan ir-rigward ingħad li "*fil-każ ta' ritrattazzjoni bbażata fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti kif kienu ġew stabiliti fis-sentenza li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni ma humiex aktar sindakabbli, u jkun hemm biss lok għar-ritrattazzjoni jekk, fuq dawk il-fatti, kif irriżultaw provati, il-Qorti applikat artikolu tal-liġi ieħor li kellu jkun proprjament applikat*"[62];

---

[61] App. Ċiv. **31.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Schembri v. Victor Portelli***
[62] App. Inf. PS **26.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***William Cassar Torreġġiani v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali***

28. Illi fil-każ tas-sentenza attakkata, din il-Qorti fissret ukoll għaliex kien jidhrilha li kellha timxi mal-fatti stabbiliti fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u l-effetti li kien ikun hemm li kieku mxiet mod ieħor. Kien joħroġ ċar li, kieku din il-Qorti ma tatx każ ta' dik is-sentenza, il-fatt tan-nuqqas ta' ħtija stabbilit mill-qorti kompetenti kien jitwaqqa' b'ġudizzju ieħor u differenti minn din il-Qorti, bir-riperkussjonijiet li dan kollu jġib miegħu. L-ilment tar-rikorrent li, b'dan il-mod, issa hemm konflitt ma' sentenza oħra li ngħatat mill-ewwel Qorti fuq l-istess qbid ta' *gasoil*, din il-Qorti tgħid li ħaġa bħal din ma tistax tingħata bħala raġuni tajba biex sentenza titħassar u l-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid. In-nuqqas irid joħroġ mis-sentenza attakkata nnifisha u mhux bi tqabbil ma' sentenzi oħrajn. Fit-tieni lok, hija regola wkoll li sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas permezz tal-awturi jew tar-rappreżentanti leġittimi tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza[63]. Il-fatt li r-rikorrenti ritrattati ressqu appell mis-sentenza tal-ewwel istanza u l-attur fil-kawża l-oħra li kienet miexja magħha ma nqediex bl-istess jedd, ma setax jissarraf f'appell miċħud mill-ewwel u tabilfors ħalli ma jkunx hemm sentenzi li ma jaqblux;

29. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba tar-rikorrent għat-tħassir tas-sentenza fuq il-bażi ta' din il-kawżali ta' ritrattazzjoni;

[63] Art. 237 tal-Kap 12

30. Illi safejn it-**talba tar-rikorrent tinbena fuq l-iżball li joħroġ mill-atti (Art. 811(l) tal-Kap 12)**, wieħed jifhem li din il-kawżali tixbah lil dik li l-Qorti għadha kemm qieset. Ingħad li dawn iż-żewġ kawżali jikkumplimentaw lil xulxin billi huma mfassla bl-istess kliem, isegwu l-istess ħsieb u jimponu l-istess restrizzjonijiet għat-tħaddim xieraq tagħhom. Għall-finijiet ta' din il-kawżali, il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema żball irid ikun biex iwassal ħalli sentenza tista' titħassar. Tali żball irid joħroġ mis-sentenza nnifisha[64] u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza;

31. Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (e) tal-Artikolu 811[65], li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball[66]. Minbarra dan, l-iżball ma jridx

---

[64] App. Ċiv. **3.4.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi v. Galea Naudi*** (Kollez. Vol: **XXV.i.137**)
[65] Ara App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli v. Sarè*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**)
[66] App Ċiv. **22.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żammit v. Michael Żammit Tabona et***; u App. Ċiv. **27.3.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Ċini et v. Bertrand Gatt***

ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant[67];

32. Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza[68]. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball[69]. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie kkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata[70]. Dan jingħad għaliex, kif jgħallmu l-awturi, "*se si tratta di un punto controverso su cui la sentenza abbia pronunziato, sia pure attraverso un esame troppo superficiale e con giudizio patentemente erroneo, non si possa battere la via di questo rimedio straordinario per riaprire la trattazione del processo*"[71];

33. Illi f'dan il-każ ir-rikorrent jidher li jtenni bosta mill-argumenti jew sottomissjonijiet magħmulin minnu dwar l-ewwel kawżali u jirrigwardaw

---

[67] P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota noe v. Mary Camilleri et***
[68] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gourmet Company Ltd. et v. Mariano Vella et*** § 8
[69] App. Ċiv. **18.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud v. Żahra*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.323**)
[70] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Louise Muscat Inglott et v. Louis Manduca***
[71] L. Mortara Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile (3ª Ediz) Vol. IV, paġ. 504

ukoll il-kunsiderazzjonijiet magħmulin dwar it-tielet aggravju fis-sentenza attakkata. B'mod partikolari, jgħid li ladarba din il-Qorti fis-sentenza attakkata straħet fuq il-kostatazzjonijiet magħmulin mill-Qorti tal-Appell Kriminali, warrbet b'hekk mill-prinċipju li *quod non est in actis non est in mundo* u straħet fuq elementi li kienu jinsabu fl-atti proċesswali ta' din il-kawża u li lkoll juru li kellu jitħallas dazju fuq il-*gasoil* importat u li l-użu jew imqar il-ġarr tiegħu kien jiġġustifika l-konfiska kemm ta' dak il-*gasoil* u kif ukoll tal-opra tal-baħar li fuqha nġab f'Malta. Jirrimarka wkoll fuq in-nuqqas ta' prova (min-naħa tar-ritrattati) dwar l-użu li kien se jsir minn dik l-opra tal-baħar, ma kienx sewwa li l-Qorti tasal għall-fehma li l-*MFV Alexandra I* kien maħsub li tintuża għas-sajd. F'kull każ, lanqas tressqu provi (mir-ritrattati) li saret xi talba mis-sidien mad-Dipartiment tas-Sajd għax-xiri ta' karburant li hu meħlus mid-dazju, lanqas li l-*gasoil* konfiskat tniżżel fid-dikjarazzjonijiet uffiċjali tal-*IMO Shipstores Declaration* jew li qatt intalab mid-Dipartiment tad-Dwana l-permess għall-provvista ta' karburant meħlus mid-dazju. Għar-rikorrent, dawn iċ-ċirkostanzi kollha jikkostitwixxu suppożizzjonijiet ta' xi fatt li l-verita` tiegħu hija bla ebda dubju eskluża mill-atti tal-kawża, u li jgħid li kienu jsejsu lis-sentenza attakkata;

34. Illi, min-naħa tagħhom, ir-ritrattati jgħidu li r-rikorrent lanqas taħt din il-kawżali ma għandu raġun jitlob it-tħassir tas-sentenza attakkata. Huma jqisu li l-iżbalji ta' fatt li fuqhom ir-rikorrent isejjes din il-kawżali ma humiex

tali li jaqgħu fil-parametri ta' talba għal ritrattazzjoni. Kemm dwar jekk din il-Qorti (fis-sentenza attakkata) għamlitx żball li qagħdet fuq ir-riżultanzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali, u kif ukoll jekk il-ġarr fuq l-art tal-*gasoil* li tniżżel minn fuq l-*MFV Alexandra I* kienx jikser il-liġi, dawn huma aspetti fejn ir-rikorrent irid jerġa' jiftaħ l-apprezzament tal-provi;

35. Illi l-Qorti tqis li mis-sottomissjonijiet kollha mressqa mir-rikorrent taħt din il-kawżali (li, kif ingħad, bosta minnhom itennu dak li qal dwar l-ewwel kawżali) ma ntweriex fejn jinsabu l-iżbalji ta' fatt fis-sentenza attakkata. Il-kunsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet fuq is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma jistgħux jitqiesu bħala aċċertament maħluq minn żniedu jew frott tal-istħajjil. Is-sentenza msemmija kienet mhux biss prova ammissibbli quddiem din il-Qorti (u fil-fatt tagħmel parti mill-atti tal-Appell), imma asserzjoni ta' fatt – in-nuqqas ta' ħtija tar-ritrattat – li ma setax jitwarrab kif ġieb u laħaq. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, ukoll kieku kellu jingħad li l-Qrati ta' kompetenza kriminali wettqu apprezzament żbaljat tal-fatti, dan ma kienx iġib fis-seħħ il-kawżali tal-iżball fis-sentenza attakkata. Il-Qorti terġa' ttenni li hawnhekk qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti u mhux dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda l-intenzjoni tar-ritrattati li jbiegħu l-*gasoil* konfiskat lil terzi, din il-Qorti ma ssibx li s-sentenza attakkata fiha żball li joħroġ mill-atti meta, mill-provi li tressqu sa mill-

istadju tal-ewwel istanza, ma kien hemm lanqas l-iċken prova li l-karburant kien maħsub li jinbiegħ lil terzi. Għalhekk, altru milli jista' jingħad li l-kwestjoni tal-fehma jew intenzjoni tar-ritrattati hija xi suppożizzjoni bla ebda dubju eskluża mill-atti tal-kawża;

36. Għalhekk il-Qorti ssib li lanqas din il-kawżali ma hija mistħoqqa;

37. Illi ladarba m'hemmx raġunijiet tajbin li għalihom is-sentenza attakkata għandha titħassar, lanqas hemm raġunijiet tajbin biex l-appell jerġa' jinstema' mill-ġdid;

***Deċide:***

38. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent ritrattand** Direttur Ġenerali (Dwana) għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** kontra tiegħu, billi ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tħassir tal-imsemmija sentenza u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell imressaq minnu.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da